**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/836**

**tal-10 ta' Frar 2026**

**dwar il-proċess għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi fl-Ajruport ta' Dublin f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 598/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

*(notifikata bid-dokument C(2026) 919)*

**(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 598/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri fir-rigward tal-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju f'ajruporti tal-Unjoni fi ħdan Approċċ Bilanċjat u li jħassar id-Direttiva 2002/30/KE ([1]) ("ir-Regolament (UE) Nru 598/2014"), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-8 ta' Awwissu 2025, f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) Nru 598/2014, l-Irlanda nnotifikat lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħha li tintroduċi restrizzjonijiet operattivi fl-Ajruport ta' Dublin, u dik in-notifika ġiet irreġistrata bir-referenza Ares (2025)6514967. Id-dokumenti mressqa kienu jinkludu referenzi għal, fost l-oħrajn, deċiżjoni regolatorja maħruġa mill-Awtorità Kompetenti għall-Istorbju tal-Inġenji tal-Ajru ("ANCA") wara studju dwar ir-restrizzjonijiet operattivi proposti li jridu jiġu introdotti fl-Ajruport ta' Dublin, ir-rapporti tal-Ispettur li infurmaw id-deċiżjoni wara għadd ta' appelli kontra d-Deċiżjoni Regolatorja tal-ANCA, u d-Deċiżjoni Finali tal-Kummissarju għall-Ippjanar.

(2) Wara l-analiżi tad-dokumenti mressqa, il-Kummissjoni bagħtet għadd ta' mistoqsijiet lill-awtoritajiet Irlandiżi permezz ta' ittra tal-31 ta' Ottubru 2025 irreġistrata bir-referenza Ares (2025)9354715. Ir-risposti tal-awtoritajiet Irlandiżi waslu fit-8 ta' Diċembru 2025 u ġew irreġistrati bir-referenza Ares (2025)10814577.

(3) Il-Kummissjoni vvalutat is-sottomissjonijiet tal-awtoritajiet Irlandiżi skont ir-Regolament (UE) Nru 598/2014, b'mod partikolari fir-rigward tal-proċedura applikabbli, l-objettivi tal-miżura u l-proporzjonalità tar-restrizzjonijiet operattivi proposti.

(4) L-Objettiv tat-Tnaqqis tal-Istorbju kif stabbilit fil-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Istorbju għall-Ajruport ta' Dublin ifittex li "jillimita u jnaqqas l-effetti negattivi fit-tul tal-istorbju tal-inġenji tal-ajru fuq is-saħħa u l-kwalità tal-ħajja, b'mod partikolari billejl, bħala parti mill-iżvilupp sostenibbli tal-Ajruport ta' Dublin". Dan se jitkejjel primarjament permezz tal-għadd ta' persuni li l-istorbju tal-inġenji tal-ajru jagħtihom ħafna fastidju u jiddisturbalhom ħafna l-irqad, b'mod partikolari billejl. L-objettiv jirrikjedi wkoll tnaqqis fl-għadd ta' persuni esposti għall-istorbju tal-inġenji tal-ajru ta' aktar minn 55 dB $L_{night}$ u 65 dB $L_{den}$ meta mqabbel mal-kundizzjonijiet fl-2019.

(5) Wara l-valutazzjoni tagħha, l-ANCA iddeterminat li biex jintlaħaq l-objettiv huma meħtieġa l-miżuri li ġejjin, kif jidher fid-Deċiżjoni Regolatorja tagħha ppubblikata fl-20 ta' Ġunju 2022:

— Skema ta' Kwota tal-Istorbju b'baġit annwali ta' kwoti ta' 16 260 bejn 23:00 u 06:59 (restrizzjoni operattiva);

— Ir-Runway tat-Tramuntana ma għandhiex tintuża għat-tlugħ jew għall-inżul bejn 00:00 u 05:59 ħlief f'ċerti ċirkostanzi (eż. sikurezza, kunsiderazzjonijiet ta' manutenzjoni, kundizzjonijiet eċċezzjonali tat-traffiku tal-ajru, eċċ.) (restrizzjoni operattiva);

— Skema volontarja ta' għotjiet għall-iżolazzjoni akustika residenzjali għal abitazzjonijiet residenzjali (miżura ta' ppjanar tal-użu tal-art).

([1]) ĠU L 173, 12.6.2014, p. 65, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/598/oj.

(6) Wara appelli kontra d-Deċiżjoni Regolatorja tal-ANCA ppreżentati lill-An Comisiún Pleanála (“ACP”), il-korp tal-appell għall-fini tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 598/2014, abbażi tar-raġunament espress fir-rapporti tal-Ispettur, l-ACP tirrikonoxxi li l-objettiv tat-tnaqqis tal-istorbju stabbilit mill-ANCA jista’ jintlaħaq permezz tal-miżuri inklużi fid-Deċiżjoni Regolatorja tal-ANCA. Madankollu, l-ACP hija tal-fehma li l-kejl f’$L_{night}$ u f’$L_{den}$ ma jqisx biżżejjed l-impatt tal-miżuri proposti fuq tlugħ u nżul addizzjonali matul il-lejl, li jwassal għal qawmien addizzjonali billejl. L-ACP għalhekk tintroduċi metrika tal-istorbju supplimentari, $LA_{max}$, biex tqis dak il-qawmien addizzjonali u tikkonkludi li hija meħtieġa restrizzjoni operattiva addizzjonali, jiġifieri limitu massimu annwali ta’ movimenti billejl ta’ 35 672.

(7) Fl-ittra tagħha tal-31 ta’ Ottubru 2025 ([2]), il-Kummissjoni staqsiet jekk l-ACP kinitx ikkunsidrat xi miżuri alternattivi inqas restrittivi biex jintlaħaq l-objettiv tat-tnaqqis tal-istorbju li fih il-metrika supplimentari tal-istorbju. Permezz ta’ ittra tat-8 ta’ Diċembru 2025, l-ACP wieġbet li l-uniċi miżuri kkunsidrati kienu dawk proposti mill-Awtorità tal-Ajruport ta’ Dublin fl-applikazzjoni tal-ippjanar tagħha (jiġifieri sistema ta’ kwoti tal-istorbju, restrizzjonijiet fuq l-użu tar-Runway tat-Tramuntana bejn 00:00 u 05:59 u Skema ta’ Għotjiet għall-Iżolazzjoni Akustika Residenzjali) u li kienu diġà ġew ikkunsidrati mill-ANCA fil-valutazzjoni tagħha.

(8) Skont l-Artikolu 5(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 598/2014, l-Istati Membri jridu jiddefinixxu t-tnaqqis tal-istorbju tal-ajruport speċifiku, filwaqt li jqisu l-Pjan ta’ Azzjoni dwar l-Istorbju kif xieraq. L-Artikolu 8 u l-Anness V tad-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), moqrija flimkien mal-Artikoli 5 u 6 tad-Direttiva 2002/49/KE u l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 598/2014, jirrikjedu li l-metodi ta’ valutazzjoni għall-indikaturi tal-istorbju jinkludu, bħala minimu, l-effetti fuq is-saħħa ddeterminati permezz tal-indikaturi $L_{den}$ u $L_{night}$ dettaljati fl-Anness II u fl-Anness III tad-Direttiva 2002/49/KE. L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 598/2014, moqri flimkien mad-Direttiva 2002/49/KE, jippermetti wkoll l-użu ta’ indikaturi addizzjonali li jkollhom bażi oġġettiva, bħal $LA_{max}$.

(9) Skont l-Artikolu 5(3)(d) tar-Regolament (UE) Nru 598/2014, l-Istati Membri ma jridux japplikaw restrizzjonijiet operattivi qabel ma jikkunsidraw miżuri oħra tal-approċċ ibbilanċjat. Dan bil-ħsieb li tiġi ddeterminata l-aktar miżura kosteffettiva jew taħlita ta’ miżuri.

(10) L-ACP ikkonkludiet li l-limitu massimu annwali tal-movimenti ta’ billejl, li jikkostitwixxi restrizzjoni operattiva, huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv tat-tnaqqis tal-istorbju meta jitqies l-indikatur $LA_{max}$, mingħajr ma wettqet l-ebda valutazzjoni ta’ jekk il-miżuri mit-tliet pilastri l-oħra tal-approċċ ibbilanċjat setgħux jilħqu l-objettiv, għall-kuntrarju tal-Artikoli 5(3)(a) sa (c) tar-Regolament (UE) Nru 598/2014.

(11) Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-proċess għall-introduzzjoni ta’ restrizzjonijiet operattivi fl-Ajruport ta’ Dublin mill-awtoritajiet Irlandiżi mhuwiex konformi mar-Regolament (UE) Nru 598/2014 u li jenħtieġ li l-awtoritajiet Irlandiżi rilevanti jeżaminaw din id-Deċiżjoni u jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjonijiet tagħhom qabel ma jintroduċu r-restrizzjonijiet operattivi.

(12) Biex jiġi evitat kull dubju, din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe valutazzjoni futura tal-Kummissjoni dwar l-obbligu tal-awtoritajiet Irlandiżi li jikkonformaw bis-sħiħ mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 598/2014,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Ir-restrizzjonijiet operattivi fl-Ajruport ta’ Dublin, li l-Irlanda biħsiebha tintroduċi u li nnotifikat fit-8 ta’ Awwissu 2025, ma jsegwux bis-sħiħ il-proċess stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 598/2014, billi l-Irlanda ma kkunsidratx miżuri oħra għajr ir-restrizzjonijiet operattivi skont l-Artikolu 5(3) ta’ dak ir-Regolament.

([2]) Ares(2025)9354715.

([3]) Id-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali (ĠU L 189, 18.7.2002, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2002/49/oj).

2. L-Irlanda għandha teżamina din id-Deċiżjoni u tinforma lill-Kummissjoni bl-intenzjonijiet tagħha qabel ma tintroduċi dawk ir-restrizzjonijiet operattivi fl-Ajruport ta' Dublin.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Irlanda.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2026.

*Għall-Kummissjoni*
Apostolos TZITZIKOSTAS
*Membru tal-Kummissjoni*